IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum l-20 ta' Marzu, 2025

Rikors numru: BCT/03/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Raymond Conti

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mil-appellant fejn permezz tiegħu huwa premetta u talab is-segwenti:

I am writing in reference to your letter, with reference number BCA/P06/0186/2024, dated 11.12.2024, regarding the property located at 171, 173, Triq Ninu Cremona, Paola, Malta. Firstly, I would like to apologize for the delay in my response. The letter was brought to my attention recently, and I wanted to address it as promptly as possible.

I would like to request your kind consideration in appealing the fine of €500. In your letter, you referred to an uncovered period between 01.07.2023 and 21.11.2024. Please note that the insurance was terminated in June, as the construction work covered by the policy had been completed. No construction work took place during the mentioned period. The reason the

construction was not officially marked as complete until 21.11.2024 was due to a clerical error on the part of our architect, not because the work was ongoing.

Given these circumstances, I kindly ask for your understanding and for the fine to be waived, as there was no wrongdoing on our part.

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorita appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi l-liġi hija tassativa u tali tirrikjedi li fejn jkun hemm żvilupp dan jinneċessita polza tal-assigurazzjoni f'kull ħin. Ġialadarba ma kienx intavolat iċ-ċertifikat li sit huwa magħluq allura l-polza tal-assigurazzjoni kienet rikjesta, u dan kif anke ġie konfermat fid-deċiżjoni fl-ismijiet Clint Agius vs Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni datata 9 ta' Lulju, 2024 bin-numru ta' referenza BCT/31/2024.

3. Illi l-Awtorita fi kwalunkwe stadju tista' terġa revalwa l-każ u tirratifika kull deċiżjoni li tkun ġiet meħuda minnha;

4. Illi qiegħed jkun anness mar-risposta odjerna "Trial of Event" u r-ritratti mmarkat bħala Dok. A;

5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellate qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal biex tiċħad l-appell odjern;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Sema' it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell jitratta penali amministrattiva maħruġa fil-konfront tal-appellant bħala l-applikant għall-permess tal-proġett fis-sit ta' kostruzzjoni bl-indirizz 171, 173, Triq Ninu Cremona, Paola, Malta. Il-bażi tal-avviż u tal-penali amministrattiva hija "*Illi nqast li tissottometti lill-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni, kopertura ta' assigurazzjoni flimkien ma ittra mill-assiguratur, kif ukoll inqast li tassigura li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jaqgħu tagħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ikunu assigurati b'mod adatt u adegwat fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2023 sal-21 ta' Novembru, 2024. Skont ir-Regolament (6) subregolamenti (1) u (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06*"

Xehdet il-mara tal-appellanta, Marisa Conti, fejn ikkonfermat li fil-perjodu indikat ma kellhomx polza ta' assigurazzjoni u dan stante li ma kienux infurmati b'dan mill-perit tagħhom. Hija tisħaq li huma dejjem riedu li kollox isir bis-sewwa u skont il-liġi u li n-nuqqas li jkollhom polza ta' assigurazzjoni ma kienx tort tagħhom stante li huma afdaw f'idejn il-perit tagħhom. It-Tribunal jirrileva li ta' dan huma pattew qares stante li permezz tal-avviż qed jiġu ordnati iħallsu l-massimu penali permessa minn artikolu 21 tal-Liġi Sussidjarja 623.06.

It-Tribunal filwaqt li jissimpatizza mal-appellant li spiċċa f'din is-sitwazzjoni minkejja li għamel id-dover tiegħu li jingaġġa perit kompetenti, it-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jippermetti li nuqqasijiet ta' din in-natura jingħataw il-barka tiegħu u allura ser jgħaddi sabiex jikkonferma li l-appellant huwa responsabbli għan-nuqqasijiet indikati fl-avviż tal-11 ta' Diċembru, 2024, iżda ser inaqqas il-penali amministrattiva għal mitejn u ħamsin euro (€250) in vista' li t-Tribunal iqis li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrikjedux li l-appellant iħallas il-massimu.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, it-Tribunal qiegħed filwaqt li jsib lill-appellanta responsabbli għan-nuqqas indikat fl-avviż ta' nhar 11 ta' Diċembru, 2024, qiegħed inaqqas il-penali amministrattiva għal mitejn u ħamsin euro (€250).

**********VERU KOPJA TAL-ORIĠINAL **********

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru